MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1063/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Carmelo Borg Limited bhala debitur principali u Carmelo u Giovanna sive Jane konjugi Borg bhala garanti solidali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' konvenuta Carmelo Borg Limited ippremettiet illi hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont globali ta' tlieta u tletin elf, mitejn u tmintax-il lira Maltin wiehed u tletin centezmi (Lm33,218.31) dovuta in kwantu ghal sebgha u ghoxrin elf mija erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm27,144) fuq

“Overdraft Account” bin-numru 075-010470-001 u r-rimanenti sitt elef u erbgha u sebghin Liri Maltin wiehed u tletin centezmi (Lm6,74.31) bhala imghax fuq l-istess “Overdraft Account” sat-8 ta’ Lulju, 2002 kif jirrizulta minn statement hawn anness u mmarkat bhala dokument A u kif jirrizulta wkoll minn erba’ kuntratti, wiehed ippubblikat minn Nutar Clyde La Rosa li jgib d-data tad-9 ta’ Gunju,1988, u t-tlieta l-ohra ppubblikati minn Nutar Pierre Attard li jgibu d-data ta’ 11 ta’ Lulju,1989 u tnejn datati 7 ta’ April, 1993, u dan skond kopji legali hawn annessi u mmarkati Dok B, Dok C, Dok D u Dok E oltre l-imghax mid-9 ta’ Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Premess illi l-konvenuti Carmelo u Giovanna sive Jane konjugi Borg ikkostitwixxew ruhhom garanti favur il-Bank attur mal-imsemmija socjeta’ konvenuta Carmelo Borg Limited solidalment maghha sas-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf liri Maltin (Lm25,000) oltre l-imghax skond kopja tal-garanzija hawn annessa u mmarkata Dok F;

Premess illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu permezz tal-ittri ufficjali datati 11 ta’ Ottubru, 2001, skond kopji hawn annessi u mmarkati Dok G u Dok H, baqghu inadempjenti;

Premess illi l-kreditu favur il-Bank attur huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-istess Bank attur, il-konvenuti m’ghandhom ebda eccezzjoni x’jaghmlu ghat-talba attrici ghall-hlas ta’ l-imsemmi debitu;

Premess illi ghalhekk il-kawza tista tigi deciza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Ghaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti, prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in visto tad-dikjarazzjoni guramentata tal-Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank attur HSBC Bak Malta p.l.c. hawn annessa u mmarkata Dok “I”:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-

Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Carmelo Borg Limited u lill konvenuti konjugi Borg sabiex ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta' tlieta u tletin elf, mitejn u tmintax-il lira Maltin wiehed u wiehed u tletin centezmi (Lm33,218.31) dovuta in kwantu ghal sebgha u ghoxrin elf, mija erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm27,144) fuq "Overdraft Account" bin-numru 075-010470-001 u r-rimanenti sitt elef u erbgha u sebghin Liri Maltin wiehed u tletin centezmi (Lm6,074.31) bhala imghax fuq l-istess "Overdraft Account" sat-8 ta' Lulju, 2002 kif jirrizulta mill-istatement hawn anness bhala Dok A u kif jirrizulta wkoll minn erba' kuntratti, wiehed ippubblikat minn Nutar Clyde La Rosa li jgib d-data tad-9 ta' Gunju, 1988, u t-tlieta l-ohra ippubblikati minn Nutar Pierre Attard li jgibu d-dati tal-11 ta' Lulju, 1989 u tnejn datati 7 ta' April, 1993, oltre l-imghax, fir-rigward ta' Carmelo Borg Limited mid-9 ta' Lulju, 2002 fuq is-somma intiera u fir-rigward tal-konvenuti konjugi Borg mill-11 ta' April, 2001 fuq is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf liri Maltin (Lm25,000), ai termini tad-Dok F hawn fuq imsemmi u dana sad-data tal-pagament effettiv;

B'dan illi l-konvenuti konjugi Borg bhala garanti solidalment tas-socjeta' konvenuta Carmelo Borg Limited ghandhom jigu limitament ikkundannati jhallsu lil Bank attur l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000), mid-debiti tal-istess socjeta' konvenuta Carmelo Borg limited oltre l-imghax mill-11 ta' April, 2001 kif spjegat aktar 'il fuq ai termini tal-garanzija hawn annessa u mmarkata Dok F,

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ta' Giovanna sive Jane Borg tat-23 ta' Ottubru, 2002 u n-nota tas-socjeta' konvenut u tal-konvenut

Carmelo Borg tal-11 ta' Dicembru, 2002 li prmezz taghha ammettew it-talba dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**